

31999D0472

L 184/42

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

17.7.1999

**ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI****ta' l-1 ta' Lulju 1999****dwar il-proċedura ta' attestazzjoni tal-konformità tal-prodotti għall-bini permezz ta' Artikolu 20(2) tad-Direttiva tal-Kunsill 89/106/KEE dwar il-pajpijiet, it-tankijiet, u oġġetti anċillari li mhumiex fkontatt ma ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem**

(notifikata taħt dokument numru K(1999) 1432)

(Text b'relevanza għaż-ŻEE)

(1999/472/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

għandhom jitwettqu, b'referenza għal Anness III, għal kull prodott jew familja ta' prodotti, peress li Anness III jagħti preferenza għal ċerti sistemi;

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 89/106/KEE tal-21 ta' Diċembru 1998 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet, tar-regolamenti u tad-dispożizzjonijiet amministrattivi tal-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu mal-prodotti għall-bini <sup>(1)</sup>, kif emendata bid-Direttiva 93/68/KEE <sup>(2)</sup>, u partikolarment Artikolu 13(4) tagħha,

(1) Billi l-Kummissjoni hija mitluba li tagħżel, bħal bejn iż-żewġ proċeduri permezz ta' Artikolu 13(3) tad-Direttiva 89/106/KEE għall-attestazzjoni tal-konformità ta' prodott, "l-anqas proċedura diffiċli possibbli konsistenti mas-sigurtà"; billi dan ifisser li jeħtieġ li jkun deċiż jekk, għal xi prodott partikolari jew familja ta' prodotti, l-eżistenza ta' sistema ta' kontroll tal-produzzjoni tal-fabbrika taħt ir-responsabbiltà tal-fabbrikant hiex kondizzjoni meħtieġa u suffiċjenti għall-attestazzjoni tal-konformità, jew jekk, għal raġunijiet relatati mal-konformità tal-kriterji msemmija f'Artikolu 13(4), l-intervent ta' korp approvat tal-attestazzjoni ikunx meħtieġ;

(2) Billi Artikolu 13(4) jitlob li l-proċedura hekk iddeterminata għandha tkun murija fil-mandati u fil-karatteristiċi tekniċi; billi, għalhekk, tinħass ix-xewqa li jiġi definit il-kunċett ta' prodott jew familja ta' prodott kif użat fil-mandati u fil-karatteristiċi tekniċi;

(3) Billi iż-żewġ proċeduri li hemm dispożizzjoni dwarhom f'Artikolu 13(3) huma deskritti fid-dettal f'Anness III tad-Direttiva 89/106/KEE; billi għalhekk jeħtieġ li jiġu speċifikati sewwa l-metodi li bihom iż-żewġ proċeduri

(4) Billi l-proċedura msemmija fil-punt (a) ta' Artikolu 13(3) tikkorrispondi mas-sistemi stabbiliti fl-ewwel possibiltà, mingħajr sorveljanza kontinwa, u t-tieni u tielet possibiltajiet tal-punt (ii) tas-Sezzjoni 2 ta' Anness III, u l-proċedura riferita fil-punt (b) ta' Artikolu 13(3) tikkorrispondi mas-sistemi stabbiliti fil-punt (i) tas-Sezzjoni 2 ta' Anness III, u fl-ewwel possibiltà, b'sorveljanza kontinwa, tal-punt (ii) tas-Sezzjoni 2 ta' Anness III;

(5) Billi l-miżuri li hemm dispożizzjoni dwarhom f'din id-Deċiżjoni huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti għall-Bini,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-prodotti u l-familji ta' prodotti stabbiliti f'Anness I għandhom ikollhom il-konformità tagħhom attestata bi proċedura li biha l-fabbrikant għandu taħt ir-responsabbiltà unika tiegħu sistema ta' kontroll tal-produzzjoni tal-fabbrika li tassigura li l-prodott huwa konformi mal-karatteristiċi tekniċi relevanti.

*Artikolu 2*

Il-prodotti stabbiliti f'Anness II għandhom ikollhom il-konformità tagħhom attestata bi proċedura li permezz tagħha, barra mis-sistema tal-kontroll tal-produzzjoni tal-fabbrika mħaddma mill-fabbrikant, korp approvat tal-attestazzjoni ikun involut fil-valutazzjoni u s-sorveljanza tal-kontroll tal-produzzjoni jew tal-prodott innifsu.

<sup>(1)</sup> ĠU L 40, tal-11.2.1989, p. 12.

<sup>(2)</sup> ĠU L 220, tat-30.8.1993, p. 1.

*Artikolu 3*

Il-proċedura għall-attestazzjoni tal-konformità kif stabbilita f'Anness III għandha tkun indikata fil-mandati għas-standards armonizzati.

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, l-1 Lulju 1999.

*Għall-Kummissjoni*

Karel VAN MIERT

*Membri tal-Kummissjoni*

---

## ANNEX I

**Settijiet ta' pajpijiet, tankjiet, sistemi ta' twissija ta' tqattir, mezzi għall-prevenzjoni tal-mili żejjed, tagħmir ta' konnessjoni, kolla, ġonot, sigilliar tal-ġonot, siegli, kanali u ġifuni għal protezzjoni, sostenn tal-katusi/kanali, valvoli u viti, oġġetti anċillari għas-sigurtà.**

Għal użu fl-istallazzjonijiet għal transport/distribuzzjoni/ħażna tal-gass/karburanti maħsuba għall-forniment tas-sistemi tas-sħana/l-kesħa tal-bini, mill-ġiebjia tal-ħażna esterna jew l-aħħar unità tat-tnaqqis ta' l-pressjoni għal ġewwa l-qafas tas-sistemi tas-sħana/tal-kesħa tal-bini, u fl-istallazzjonijiet għat-transport/rimi/ħażna ta' l-ilma li mhux maħsub għall-konsum mill-bniedem, u għas-sistemi tas-sħana, appartati minn dawk speċifikati f'Annex II.

## ANNEX II

**Tankijiet, kanali u ġifuni għall-protezzjoni**

Għal użu fi nħawi soġġetti għar-regolamenti tar-reżistenza tan-nar, f'installazzjonijiet għat-trasport/id-distribuzzjoni/il-ħażna tal-gass/karburanti maħsuba għal forniment tas-sistemi tas-sħana/tal-kesħa tal-bini, mill-ġiebjja tal-ħażna esterna jew l-aħħar unità tat-tnaqqis ta' l-pressjoni għal ġewwa l-qafas tas-sistemi tas-sħana/kesħa tal-bini.

**Settijiet ta' pajpijiet, pajpijiet, tankijiet, sistemi ta' twissija ta' tqattir, mezzi għall-prevenzjoni tal-mili żejjed, tagħmir ta' konnessjoni, kolla, ġonot, sigillari tal-ġonot, siegħi, kanali u ġifuni għal protezzjoni, sostenn tal-katusi/kanali, valvoli u vitien, oġġetti aċċillari għas-sigurtà.**

Għal użu f'żoni suġġetti għar-regolamenti tar-reazzjoni tan-nar, fl-installazzjonijiet għal transport/distribuzzjoni/ħażna tal-gass/karburanti maħsuba għall-forniment tas-sistemi tas-sħana/l-kesħa tal-bini, mill-ġiebjja tal-ħażna esterna jew l-aħħar unità tat-tnaqqis tal-pressjoni għal ġewwa l-qafas tas-sistemi tas-sħana/tal-kesħa tal-bini, u fl-installazzjonijiet għat-trasport/rimi/ħażna ta' l-ilma li mhux maħsub għall-konsum mill-bniedem għal prodotti li dwarhom ir-reazzjoni tan-nar hija l-klassi A <sup>(1)</sup>, B <sup>(1)</sup> jew Ċ <sup>(1)</sup>.

---

<sup>(1)</sup> il-materjali li għalihom ir-reazzjoni għall-imġieba tan-nar hija suxxettibli għal bidla waqt il-produzzjoni (Ġeneralment, daww soġġetti għal modifika kimika, e.g dewwiema tan-nirien, jew meta bidliet tal-kompożizzjoni jistgħu iwasslu għal tibdil fir-reazzjoni għall-imġieba tan-nar).

## ANNEX II

Nota: Għal prodotti li għandhom aktar minn wieħed mill-użu ntiżi speċifiċi f'dawn il-familji li ġejjin, id-doveri għal korp approvat, li joriġinaw mis-sistemi rilevanti tal-attestazzjoni tal-konformità, huma kumulattivi.

## FAMILJA TA' PRODOTTI

**KATUŠI, TANKIJET, U OĠĠETTI ANĊILLARI LI MHUMIEX FKUNTATT MAL-ILMA MAĦSUB  
GĦALL-KONSUM MIL-BNIEDEM (1/5)**

**Sistemi tal-attestazzjoni tal-konformità**

Għall-prodott(i) u l-użu(i) maħsub(i) elenkati hawn taħt, CEN/Cenelec huma mitluba biex jispeċifikaw is-sistema(i) li ġeja tal-attestazzjoni tal-konformità fl-i standards armonizzati rilevanti:

Prodott(i)	Użu(i) ntiżi(i)	Livell(i) jew klassi(jiet) (reazzjoni għan-nar)	Sistema(i) tal-attestazzjoni tal-konformità
<ul style="list-style-type: none"> <li>— <b>Settijiet tal-pajpijiet</b></li> <li>— <b>Pajpijiet</b></li> <li>— <b>Tankijiet</b></li> <li>— <b>Sistemi ta' twissija ta' tqattir u apparat biex ma jħallix il-mili żejjed</b></li> <li>— <b>Tagħmir ta' konnessjoni, kolla, ġonot, siġġillar tal-ġonot u siegli</b></li> <li>— <b>Kanali u gifuni għall-ħarsien</b></li> <li>— <b>Sostenn għall-pajpijiet u l-kanali</b></li> <li>— <b>Valvoli u vitien</b></li> <li>— <b>Anċillari tas-sigurtà</b></li> </ul>	fl-istallazzjonijiet għal transport/distribuzzjoni/ħażna tal-gass/karburanti maħsuba għall-forniment tas-sistemi tas-sħana/l-kesħa tal-bini, mill-ġiebja tal-ħażna esterna jew l-aħħar unità tat-tnaqqis tal-pressjoni għal ġewwa l-qafas tas-sistemi tas-sħana/tal-kesħa tal-bini	—	3

Sistema 3: Ara d-Direttiva 89/106/KEE, Anness III (2)(ii), it-tieni possibiltà.

L-ispeċifikazzjoni għas-sistema għandha tkun tali li tkun tista' tiġi implimentata anke meta l-imġieba ma jkunx hemm hteġa li tiġu ddeterminata għal ċerta karatteristika, għaliex mill-anqas Stat Membru wieħed m'għandu l-ebda hteġa legali għal karatteristika bħal din (Ara Artikolu 2(1) tad-Direttiva 89/106/KEE u, meta applikabli, il-klawsola 1.2.3 ta' Dokumenti Interpretattivi). F'dawk il-każi il-verifika ta' karatteristiċi simili għandhiex tkun imposta fuq il-fabbrikant jekk dan ma jkunx jixtieqx jiddikjara l-imġieba ta' dak il-prodott f'dak l-aspett.

## FAMILJA TA' PRODOTTI

**KATASI, TANKIJET, U OĠĠETTI ANĊILLARI LI MHUMIEX F'KUNTATT MAL-ILMA MAĦSUB  
GĦALL-KONSUM MIL-BNIEDEM (2/5)****Sistemi tal-attestazzjoni tal-konformità**

Għall-prodott(i) u l-użu(i) maħsub(i) elenkati hawn taħt, CEN/Cenelec huma mitluba biex jispjefikaw is-sistema(i) li għejjin tal-attestazzjoni tal-konformità fl-i *standards* armonizzati rilevanti:

Prodott(i)	Użu(i) ntiż(i)	Livell(i) jew klassi(jiet) (reazzjoni għan-nar)	Sistema(i) tal-attestazzjoni tal-konformità
<ul style="list-style-type: none"> <li>— <b>Settijiet tal-pajpijiet</b></li> <li>— <b>Pajpijiet</b></li> <li>— <b>Tankijiet</b></li> <li>— <b>Sistemi ta' twissija ta' tqattir u apparat biex ma jħallix il-mili żejjed</b></li> <li>— <b>Tagħmir ta' konnessjoni, kolla, ġonot, sigġillar tal-ġonot u siegħi</b></li> <li>— <b>Kanali u ġifuni għall-ħarsien</b></li> <li>— <b>Sostenn għall-pajpijiet u l-kanali</b></li> <li>— <b>Valvoli u vitien</b></li> <li>— <b>Anċillari tas-sigurtà</b></li> </ul>	Fi stallazzjonijiet għat-trasport/rimi/gažna ta' l-ilma mhux maħsub għall-konsum uman	—	4

Sistema 4: Ara d-Direttiva 89/106/KEE, Anness III (2)(ii), it-tielet possibiltà.

L-speċifikazzjoni għas-sistema għandha tkun tali li tkun tista' tiġi implimentata anke meta l-imġieba ma jkunx hemm hteġa li tiġu ddeterminata għal ċerta karatteristika, għaliex mill-anqas Stat Membru wieħed m'għandu l-ebda hteġa legali għal karatteristika bħal din (Ara Artikolu 2(1) tad-Direttiva 89/106/KEE u, meta applikabli, il-klawsola 1.2.3 ta' Dokumenti Interpretattivi). F'dawk il-każi il-verifika ta' karatteristiċi simili għandhiex tkun imposta fuq il-fabbrikant jekk dan ma jkunx jixtieq jiddikjara l-imġieba ta' dak il-prodott f'dak l-aspett.

## FAMILJA TA' PRODOTTI

KATUSI, TANKIJJET, U OĠĠETTI ANĊILLARI LI MHUMIEX FKUNTATT MAL-ILMA MAĦSUB  
GĦALL-KONSUM MIL-BNIEDEM (3/5)

## Sistemi tal-attestazzjoni tal-konformità

Għall-prodott(i) u l-użu(i) maħsub(i) elenkati hawn taħt, CEN/Cenelec huma mitluba biex jispeċifikaw is-sistema(i) li għejjin tal-attestazzjoni tal-konformità fl-standards armonizzati relevanti:

Prodott(i)	Użu(i) ntiż(i)	Livell(i) jew klassi(jiet) (reazzjoni għan-nar)	Sistema(i) tal-attestazzjoni tal-konformità
— Tankijiet — Kanali u gifuni għall-ħarsien	fl-istallazzjonijiet f'żoni suġġetti għar-regolament tar-reazzjoni tan-nar użati fit-transport/distribuzzjoni/ħażna tal-gass/karburanti maħsuba għall-forniment tas-sistemi tas-sħana/l-kesħa tal-bini, mill-giebjta tal-ħażna esterna jew l-aħħar unità tat-tnaqqis tal-pessjoni għal ġewwa l-qafas tas-sistemi tas-sħana/tal-kesħa tal-bini	kwalunkwe	1

Sistema 1: Ara d-Direttiva 89/106/KEE, Anness III (2)(ii), mingħajr l-awditjar tat-testijiet tal-kampjuni.

L-ispeċifikazzjoni għas-sistema għandha tkun tali li tkun tista' tiġi implimentata anke meta l-imġieba ma jkunx hemm hteġa li tiġu ddeterminata għal ċerta karatteristika, għaliex mill-anqas Stat Membru wieħed m'għandu l-ebda hteġa legali għal karatteristika bħal din (Ara Artikolu 2(1) tad-Direttiva 89/106/KEE u, meta applikabbli, il-klawsola 1.2.3 ta' Dokumenti Interpretattivi). F'dawk il-każi il-verifika ta' karatteristiċi simili għandhiex tkun imposta fuq il-fabbrikant jekk dan ma jkunx jixtieqx jiddikjara l-imġieba ta' dak il-prodott f'dak l-aspett.

## FAMILJA TA' PRODOTTI

KATUSI, TANKIJET, U OĠĠETTI ANĊILLARI LI MHUMIEX F'KUNTATT MAL-ILMA MAĦSUB  
GĦALL-KONSUM MIL-BNIEDEM (4/5)

## Sistemi tal-attestazzjoni tal-konformità

Għall-prodott(i) u l-użu(i) maħsub(i) elenkati hawn taħt, CEN/Cenelec huma mitluba biex jispeċifikaw is-sistema(i) li ġejjin tal-attestazzjoni tal-konformità fl-standards armonizzati relevanti:

Prodott(i)	Użu(i) ntiż(i)	Livell(i) jew klassi(jiet) (reazzjoni għan-nar)	Sistema(i) tal-attestazzjoni tal-konformità
<ul style="list-style-type: none"> <li>— <b>Settijiet tal-pajpiet</b></li> <li>— <b>Pajpijiet</b></li> <li>— <b>Tankijiet</b></li> <li>— <b>Sistemi ta' twissija ta' tqattir u apparat biex ma jħallix il-mili żejjed</b></li> <li>— <b>Tagħmir ta' konnessjoni, kola, ġonot, sigġillar tal-ġonot u siegli</b></li> <li>— <b>Kanali u ġifuni għall-ħarsien</b></li> <li>— <b>Sostenn għall-pajpijiet u l-kanali</b></li> <li>— <b>Valvoli u vitien</b></li> <li>— <b>Anċillari tas-sigurtà</b></li> </ul>	<p>fl-istallazzjonijiet f'żoni suġġetti għar-regolament tar-reazzjoni tan-nar użati għat-transport/distribuzzjoni/ħażna tal-gass/karburanti maħsuba għall-forniment tas-sistemi tas-sħana/l-kesħa tal-bini, mill-ġieba tal-ħażna esterna jew l-aħħar unità tat-tnaqqis tal-pessjoni għal ġewwa l-qafas tas-sistemi tas-sħana/tal-kesħa tal-bini</p>	kwalunkwe	1
	<p>fl-istallazzjonijiet f'żoni suġġetti għar-regolament tar-reazzjoni tan-nar użati għat-transport/distribuzzjoni/ħażna ta' ilma mhux maħsub għall-konsum uman</p>	<p>A <sup>(1)</sup>, B <sup>(1)</sup>, Ċ <sup>(1)</sup></p> <p>A <sup>(2)</sup>, B <sup>(2)</sup>, Ċ <sup>(2)</sup></p> <p>A <sup>(3)</sup>, D, E, F</p>	<p>1</p> <p>3</p> <p>4</p>

<sup>(1)</sup> Materjali li għalihom ir-reazzjoni għall-imġieba tan-nar hija suxxettibbli għal bidla waqt il-produzzjoni (Ġeneralment, dawk soġġetti għal modifika kimika, e.g dewwiema tan-nirien, jew meta bidliet tal-kompożizzjoni jistgħu iwasslu għal tibdil fir-reazzjoni għall-imġieba tan-nar).

<sup>(2)</sup> Materjali li għalihom, ir-reazzjoni għall-imġieba tan-nar mux suspettata li titbiddel waqt il proċess tal-produzzjoni

<sup>(3)</sup> Materjali ta' klassi A li skond id-deċizzjoni 96/603/KE mandumx b'żonn jiġi ttestjat għar-reazzjoni tan-nar

Sistema 1: Ara d-Direttiva 89/106/KEE, Anness II (2)(i), mingħajr l-awditjar tat-testijiet tal-kampjuni.

Sistema 3: Ara d-Direttiva 89/106/KEE, Anness III (2)(ii), it-tieni possibiltà.

Sistema 4: Ara d-Direttiva 89/106/KEE, Anness III (2)(ii), it-tielet possibiltà.

L-ispeċifikazzjoni għas-sistema għandha tkun tali li tkun tista' tiġi implimentata anke meta l-imġieba ma jkunx hemm hteġa li tiġu ddeterminata għal ċerta karatteristika, għaliex mill-anqas Stat Membru wieħed m'għandu l-ebda hteġa legali għal karatteristika bħal din (Ara Artikolu 2(1) tad-Direttiva 89/106/KEE u, meta applikabli, il-klawsola 1.2.3 ta' Dokumenti Interpretattivi). F'dawk il-każi il-verifika ta' karatteristiċi simili għandhiex tkun imposta fuq il-fabbrikant jekk dan ma jkunx jixtieqx jiddikjara l-imġieba ta' dak il-prodott f'dak l-aspett.



## FAMILJA TA' PRODOTTI

**KATUŠI, TANKIJIET, U AN-ILLARI LI MHUMIEX FKUNTATT MAL-ILMA MAĦSUB GĦALL-KONSUM MIL-BNIEDEM (5/5)****Sistemi tal-attestazzjoni tal-konformità**

Għall-prodott(i) u l-użu(i) maħsub(i) elenkati hawn taħt, CEN/Cenelec huma mitluba biex jispeċifikaw is-sistema(i) li għejjin tal-attestazzjoni tal-konformità fl-i standards armonizzati rilevanti:

Prodott(i)	Użu(i) ntiż(i)	Livell(i) jew klassi(jiet) (reazzjoni għan-nar)	Sistema(i) tal-attestazzjoni tal-konformità
<ul style="list-style-type: none"> <li>— <b>Settijiet tal-pajpiet</b></li> <li>— <b>Pajpijiet</b></li> <li>— <b>Tankijiet</b></li> <li>— <b>Sistemi ta' twissija ta' tqattir u apparat biex ma jħallix il-mili żejjed</b></li> <li>— <b>Tagħmir, kola, ġonot, sigġillar tal-ġonot u siegħi</b></li> <li>— <b>Kanali u ġifuni għall-ħarsien</b></li> <li>— <b>Sostenn għall-pajpijiet u l-kanali</b></li> <li>— <b>Valvoli u vitien</b></li> <li>— <b>Anċillari tas-sigurtà</b></li> </ul>	Fl-istallazzjonijiet suġġetti għar-regolamenti dwar il-konservazzjoni ta' l-enerġija, użati għat-transport /distribuzzjoni/ ħażna ta' ilma mhux maħsub għall-konsum uman, u għall-sistemi ta' sħana	—	3

Sistema 3: Ara d-Direttiva 89/106/KEE, Anness III (2)(ii), it-tieni possibiltà.

L-speċifikazzjoni għas-sistema għandha tkun tali li tkun tista' tiġi implimentata anke meta l-imġieba ma jkunx hemm hteġa li tiġu ddeterminata għal ċerta karatteristika, għaliex mill-anqas Stat Membru wieħed m'għandu l-ebda hteġa legali għal karatteristika bħal din (Ara Artikolu 2(1) tad-Direttiva 89/106/KEE u, meta applikabli, il-klawsola 1.2.3 ta' Dokumenti Interpretattivi). F'dawk il-każi il-verifika ta' karatteristiċi simili għandhiex tkun imposta fuq il-fabbrikant jekk dan ma jkunx jixtieq jiddikjara l-imġieba ta' dak il-prodott f'dak l-aspett.